# "Għajnuniet mhux kontributorji"

■ B'referenza għall-artiklu bit-titlu t'hawn fuq li deher fil-ħarġa tal-bieraħ, irid jiġi pprecizat li l-ewwel u t-tieni sentenza taħt is-sotto titolu "Kif issir l-evalwazzjoni tad-dritt?" trid taqra, "meta ssir talba għall-għajnuna supplimentari, issir investigazzjoni u evalwazzjoni bir-reqqa tad-dħul tal-applikanti skont il-kriterji stabbiliti. Infakkar fuq l-importanza li ssir dikjarazzjoni korretta u veritiera tad-dħul kollu tal-applikanti meta ssir t-talba."

Min-naħa l-oħra l-aħħar sentenza f'din il-parti trid taqra, "għalhekk hu fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta għax jekk le, u jirriżulta li tkun qed titħallas għajnuna mhux bi dritt jew b'rata ogħla milli suppost, jista' jkun hemm konsegwenzi serji fosthom li jintalbu l-flus lura u li jittieħdu proċeduri legali bil-Qorti."